# Meta l-Warda Toħrof

Celine Agius

Meta l-warda toħrof
tibqa' biss it-tifkira
ta' tifla darba innoċenti
tgħodd petala ...
petala.
Il-petali li darba fakkruha li kienet warda ...
iżd'issa, il-warda toħrof
niexfa, tinbex ix-xemx
u n-nies baqgħu jitħaddtu.
Insew li l-warda toħrof ...
fuq mitraħ tilheġ-tonfoħ ...
forsi, għax warda mara.
Insiet tgħid le, tneżżgħet
u ħarset madwarha, għerja
tgħodd petala ...
petala ...
u ġabret ħwejjiġha, li darba kienu tagħha ...
Imm'issa le, mhux iktar ...
Il-warda ndifnet fil-ħarifa,
intesiet, bla petali u fwieħa

minkejja, din l-eleġija siekta ...
Xort'hemm warda oħra toħrof,
tiċċassa lejn l-arloġġ
għal preludju ieħor tal-ħarifa!